**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 06/2022 - Laqgħa tal-Lokalita'

**L-Erbgħa 26 ta' Mejju, 2022**

Il-Kunsill Lokali Pembroke Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-5:00 ta' wara nofsinhar. Kien hemm membri tal-Kunsill li kienu preżenti virtwalment.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku

Omar Elaref Arab – Viċi Sindku *(online)*

Désirée Vella Brincat – Kunsillier *(online)*

Charles Cesare – Kunsillier *(online)*

Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

Ryan Muscat – Accountant tal-Kunsill

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa wara li ta merħba lir-residenti li kienu preżenti. (7 persuni)

## 06.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

06.1.1. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill, li l-membri kienu kollha preżenti, min fiżikament u min virtwalment.

## 06.2 Qari tal-Minuti 09/K8/2021.

06.2.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 09/K8/2021 kif ippubblikata.

06.2.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

06.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06.3 Rapport amministrattiv għas-sena 2021.

06.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lis-Sindku, li l-Viċi Sindku Omar Elaref Arab u l-Kunsillier Désirée Vella Brincat kienu għadhom ma provdewx ir-rapport tagħhom, u għalhekk huma nieqsa mir-rapport ikkompilat. **(Ara Dok. 1)**

06.3.2 Is-Sindku Dean Hili u l-Kunsillier Raymond Lanzon taw rendikont tal-ħidma tagħhom fi ħdan il-Kunsill tul is-sena 2021.

## 06.4 Rapport finanzjarju għas-sena 2021.

06.4.1 Is-Sindku Dean Hili stieden lill-accountant tal-Kunsill is-sur Ryan Muscat biex jagħti rendikont tad-dħul u l-ħruġ li kellu l-Kunsill tul is-sena 2021.

06.4.2 Is-sur Muscat spjega d-dħul u l-infieq li għamel il-Kunsill inkluż il-bilanċi li għandu l-Kunsill.

## 06.5 Pjan ta' ħidma.

06.5.1 Is-Sindku Dean Hili ta' rendikont ta' dak li hemm previst isir mill-Kunsill tul is-sena 2022.

06.5.2 Resident ilmenta li l-Madonna li hemm fi Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta kellha tiġi rranġata u l-Kunsill m'għamel xejn.

06.5.3 Is-Sindku Dean Hili wieġeb li l-Kunsill qed jara x'jista' isir.

06.5.4 Resident staqsa dwar meta ser isir ix-xogħol fuq il-bankina ta' Triq G. Henin.

06.5.5 Is-Sindku Dean Hili wieġeb li l-Kunsill kiseb il-permessi kollha neċessarja mingħand il-PA u l-Kunsill qed jistenna lill-IM li jibnu l-bankina l-ġdida.

06.5.6 Resident irrimarkat li biex toħroġ minn Triq Don Luigi Rigord għal Triq Burma, hija perikoluża u hemm bżonn li jsir xi ħaġa, fosthom xi tip ta' sleeping police.

06.5.7 Resident issuġġerixxa li jiżdiedu l-ammonti ta' marki tat-traffiku ta' Slow fi Triq Burma.

06.5.8 Is-Sindku Dean Hili rrimarka li ser jerġgħu isiru l-marki tat-traffiku u possibilment tikber il-mera tat-traffiku.

06.5.9 Resident xtaq ikun jaf kemm intefqu flus fuq Triq il-Profs Walter Ganado.

06.5.10 Is-Sindku Dean Hili irrimarka li l-maġġoranza ta' Triq il-Profs Walter Ganado taqa' fil-konfini tal-Kunsill Lokali San Ġiljan.

06.5.11 Resident ilmenta li madwar Blokk 5 Triq il-Profs Walter Ganado qatt ma sar xejn inkuż xi bankijiet fejn ir-roundabout, kif ukoll li hemm bżonn jerġgħu jinżebgħu l-parking bays.

06.5.12 Is-Sindku Dean Hili rrimarka li dak li jiġri fil-periferija tal-lokal iġib problemi konnessa ma' Paceville, iżda jekk isiru bankijiet tkun qed tirriskja li filgħaxija jkunu t'inkonvenjent għar-residenti tal-madwar. Dwar il-parking bays, il-kelliem irrimarka li dawn ser jerġgħu jinżebgħu.

06.5.13 Resident għamel referenza dwar Ġnien Pembroke u ħasra li huwa abbandunat, inkluż il-vandaliżmu li jsir.

06.5.14 Is-Sindku Dean Hili rrimarka li ġew identifikata xi persuni li għamlu l-vandaliżmu, imma minħabba nuqqas ta' provi konkreti, il-Pulizija ma ttieħdu ebda passi legali.

06.5.15 Resident ilmenta li l-kaxxa tad-dawl li hemm fiż-żona pubblika ta' Siti A5 – A11, huma kollha msadda, u hemm bżonn li jinbidlu.

## 06.6 Tmiem tal-laqgħa.

07.6.1 Is-Sindku Dean Hili għalaq il-laqgħa fis-6:10pm.

**Konfermati, illum 23 ta' Ġunju, 2022**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Avv. Dean Hili | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |